MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2012

Numru. 1052/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**Shirley Micallef**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Shirley Micallef ta' 32 sena, bint Carmel Micallef u Mary Rose Micallef xebba Borg, mwielda 'Blacktown New South Wales Australia', nhar il-15 ta' Novembru 1978 u residenti 3, Triq San Pawl, Bormla u detentrici tal-karta tal-identita' numru 343289(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

A) Nhar is-16 ta’ Dicembru 2010, ghall-habta ta’ bejn 1200hrs u 1300hrs, minn gewwa il-hanut tal-gojjellerija bl-isem ‘Il-Gojjel’ sitwat fi Triq il-Kbira, Qormi, ikkommettiet serq ta’ crieket ghall-valur totali ta’ madwar 850 Ewro, liema serq huwa aggravat bil-valur,

B) U aktar talli rrendiet lilha nnifisha recidiva, meta giet kkundannatha b’diversi sentenzi mghotija mill-Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi.

C) Kisret il-provediment ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ sentenza datata l-24 ta’ Novembru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika il-provediment skont l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghar-rigward tar-restituzzjoni jew kumpens ta’ kull haga li giet misruqa.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 8 ta’ April 2011 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha waqt l-udjenza tat-3 ta’ Novembru 2011 iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat li waqt l-udjenza tad-19 ta’ Jannar 2012 l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar

solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Rat il-Pre-Sentencing Report imhejji mil-Probation Officer Miriam Sevasta u nserit a fol. 39 et sequitur tal-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputata Shirley Micallef il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat bir-reqqa l-kontenut tal-Pre-Sentencing Report imhejji mill-Probation Officer Miriam Sevasta  fejn wara li hija spjegat li ilha ssegwi lill-imputata ghal diversi snin qalet ukoll li fil-perijodu meta sehh ir-reat in dizamina l-imputata kienet ghaddejja minn zmien difficli f'hajjitha minhabba l-vizzju tad-droga izda wara dan il-perijodu hija  bdiet u zammet kuntatt kontinwu u kostanti mal-Caritas u matul il-perijodu tal-kumpilazzjoni tal-Pre-sentencing report l-imputata ssottomettiet ruhha ghal diversi urine tests li lkoll irrizultaw fin-negattiv u dan kien jindika li hija kienet qabdet it-triq tar-rijabilitazzjoni. Fid-dawl ta' dan kollu l-Probation Officer irrakkomandat lill-imputata tinghata Combination Order fejn titqieghed taht Ordni ta' Probation u Servizz skond l-Artikolu 18 tal-Kap. 446 fejn il-perijodu ta' Probation ikun fil-massimu u n-numru ta' sighat ta' xoghol fil-komunita' jkunu ta' mitt siegha. Il-Qorti wara li qieset ir-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer u wara li hadet in konsiderazzjoni li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri u li hija rrifondiet l-ammont kollu nvolut lil-vittma fil-mori tal-kawza thoss li ghandha taderixxi mar-rakkomandazzjonijiet moghtija mill-Probation Officer stante li jkun kemm fl-ahjar interess tal-imputata kif ukoll tas-socjeta' in generali li l-istess imputata tirriforma ruhha u taqbad it-triq it-tajba

darba ghal dejjem u fl-istess hin permezz tal-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' tkun qed taghti lura xi haga lill-istess socjeta'. In kwantu jirrigwarda l-ksur ta Ordni ta' Probation li bih tinsab akkuzata l-imputata permezz tal-imputazzjoni mmarkata bhala C l-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi l-piena pekunjarja ndikata fl-Artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50 261 u 267 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 18 u 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha multa ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro (€232) u b'applikazzjoni tal-Artikoli 7 u 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputata taht Combination Order fejn l-Ordni ta' Probation ghandu jkun ghall-perijodu ta tlett (3) snin millum u s-sighat ta' servizz fil-komunita' ghandhom ikunu mitt (100) siegha u dan taht il-kundizzjonijiet kontenuti fl-annessi digrieti.
Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hatja bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hatja.

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
(bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

**ORDNI TA' PROBATION**
*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat: Dr. Audrey Demicoli LL.D**

**Illum: 11 ta' Lulju 2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**
**vs**
**Shirley Micallef**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Shirley Micallef giet misjuba hatja kif imfisser fl-istess sentenza u giet mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation*;

Wara li fissret lill-hatja bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk tonqos li thares din l-Ordni jew taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett(3) snin, tkun tista tigi kkundannata ghar-reat li ghaliha qieghda tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hatja wriet li trid thares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Ghalhekk **tordna** li l-hatja Shirley Micallef li toqghod 3, Triq San Pawl, Bormla, detentrici tal-karta tal-identita' numru 343289(M) tkun ghal perjodu ta' tlett(3) snin millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficcjal tal-*probation* mahtur lilha.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandhu/a j/tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja, kull sitt(6) xhur/sena.

3. Il-hatja ghandha tavza immedjatament lill-ufficcjal tal-probation b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha.

4. Li ghandha zzomm ruhha f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-Probation skond id-direttivi li taghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid/trid, tircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li l-hatja ghandha tissottometti ruhha ghal urine tests kull meta tigi hekk mitluba mill-Ufficcjal tal-Probation.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hatja u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-*Probation Services* ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

……………………………………
(firma tal-persuna mqeghda
taht probation)

……………………………………..

D../Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------